



2024/2029

26.7.2024

**REGOLAMENT TA' IMPLEMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2029**

**tad-19 ta' Lulju 2024**

**li jdaħħal isem fir-registraru tad-denominazzjonijiet ta' oriġini protetti u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi  
protetti ("Hjälmargös" (DOP))**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 90(1) u (2) tar-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (²), li ħassar ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012, ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 jibqa' applikabbi għall-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi li waslu għand il-Kummissjoni u li ġew ippubbliki f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea għall-oppożizzjoni qabel it-13 ta' Mejju 2024.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-applikazzjoni tal-Iżvezja għar-reġistrazzjoni tal-isem "Hjälmargös" bħala denominazzjoni ta' oriġini protetta ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea (³).
- (3) Il-Kummissjoni ma waslitilha l-ebda dikjarazzjoni ta' oppożizzjoni f'konformità mal-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, għalhekk jenħtieġ li l-isem "Hjälmargös" jiddaħħal fir-registraru,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

**Artikolu 1**

L-isem "Hjälmargös" (DOP) jiddaħħal fir-registraru.

**Artikolu 2**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-publikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-Unjoni Ewropea.

(¹) ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2012/1151/oj>.

(²) Ir-Regolament (UE) 2024/1143 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar indikazzjonijiet ġeografiċi għall-inbid, ix-xorb spirituż u l-prodotti agricolli, kif ukoll l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti u t-termini tal-kwalità mhux obbligatorji għall-prodotti agricolli, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013, (UE) 2019/787 u (UE) 2019/1753 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 (ĠU L, 2024/1143, 23.4.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/1143/oj>).

(³) ĠU C/C/2024/2260, 20.3.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/2260/oj>.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-19 ta' Luju 2024.

*Għall-Kummissjoni  
F'issem il-President,  
Janusz WOJCIECHOWSKI  
Membru tal-Kummissjoni*

---